MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 577/2003

Lombard Bank Malta p.l.c.
vs
Charles Mizzi

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-bank attur li biha ppremetta:

Peress li l-Bank attur jinsab kreditur tal-konvenut Charles Mizzi fl-ammont ta' disat elef seba' mija sebgha u erbghin liri Maltin, seba' u tmenin centezmi (Lm9747.87) bilanc ghad-debitu f' zewg kontijiet ta' self li ghandu il-konvenut ma' l-istess Bank, bl-interessi kalkulati sat-tlieta (3) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlieta (2003) skond zewg 'statements' annessi mac-citazzjoni u mmarkati Dok 'A' u Dok 'B', oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-erbgha (4) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlieta (2003) sad-data tal-pagament effettiv.

Peress li ghalkemm interpellat sabiex ihallas anke ufficjalment, il-konvenut baqa’ inadempjenti.

Il-Qorti giet mitluba:

Li l-konvenut jigi kundannat sabiex ihallas lill-Bank attur is-somma ta’ disat elef sebgha mija seba’ u erbghin liri Maltin, sebgha u tmenin centezmi (Lm9747.87) bilanc ghad-debitu f’ zewg kontijiet ta’ self li ghandu l-konvenut mal-istess Bank, bl-interessi kalkulati sat-tlieta (3) ta’ Gunju tas-sena elfejn u tlieta (3) skond zewg ‘statements’ annessi mac-citazzjoni u mmarkati Dok ‘A’ u Dok ‘B’, oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-erbgha (4) ta’ Gunju tas-sena elfejn u tlieta (2003) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali li ggib id-data tal-15 ta’ Novembru 2002, tal-mandati ta’ qbid u sekwestru kawtelatorji pprezentati kontestwalment mal-kawza, u bl-imghaxijiet legali mill-4 ta’ Gunju 2003 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

**PROVI:**
Semghet bil-gurament lil Kathleen Messina Flynn Branch Manager San Giljan mal-Lombard Bank li ikkonfermat il-pozizzjoni tal-pagamenti kif imsemmija fic-citazzjoni fis-sens li l-konvenut ma ghamel ebda pagament minn meta giet prezentata c-citazzjoni ‘l hawn u ghalhekk il-pozizzjoni baghet l-istess inkluz li zdiedu l-imghaxijiet.

**KONKLUZJONIJIET:**
Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci.

Semghet l-avukat tal-Bank attur.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-Bank attur u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-Bank attur is-somma ta' disat elef sebgha mija seba' u erbghin liri Maltin, sebgha u tmenin centezmi (Lm9747.87) bilanc ghad-debitu f' zewg kontijiet ta' self li ghandu l-konvenut mal-istess Bank, bl-interessi kalkulati sat-tlieta (3) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlieta (3) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-erbgha (4) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlieta (2003) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tal-15 ta' Novembru 2002, tal-mandati ta' qbid u sekwestru, u bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Gunju 2003 sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------